MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 1172/2010

**Swan Laundry and Dry Cleaning Company Limited**
**vs**
**Panopera Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat tas-socjeta’ rikorrenti tat-12 ta’ Novembru 2010 fejn jinghad hekk:

1. Illi s-socjeta’ intimata ghandha taghti lis-socjeta’ rikorrenti s-somma komplessiva ta’ tmintax-il elf tmien mija u tmienja u sittin Ewro u dsatax-il centezmu (€18,868.19), liema soma tirrapprezenta bilanc ta’ somma akbar rapprezentanti l-prezz ta’ diversi servizzi ta’ “laundry” u “dry cleaning”, ordnati mis-socjeta’ intimata u debitament imwettqa a favur tal-istess socjeta’ intimata mis-socjeta’ rikorrenti, u liema bilanc, filwaqt li jirrizulta mill-anness prospetti (Dokument A u B), huwa cert, likwidu skadut;

2. Illi ghalkemm debitament interpellata sabiex taddivjeni ghall-hlas ta’ dak minnha dovut, is-socjeta’ intimata baqghet ghal kollox inadempjenti;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, ighid l-intimat ghaliex m’ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti, bid-dispensa tas-smigh a tenur tal-artikolu 167 *et seq* tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta):

Tikkundanna lis-socjeta’ intimata sabiex thallas lis-socjeta’ rikorrenti s-somma ta’ tmintax-il elf tmien mija u tmienja u sittin Ewro u dsatax-il centezmu (€18,868.19), liema ammont huwa cert, likwidu skadut, oltre l-imghaxijiet bi tmienja fil-mija (8%) fis-sena mis-16 ta’ Awwissu 2010 sad-data tal-hlas effettiv;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri legali tal-24 ta’ Awwissu 2010 kontra s-socjeta’ intimata, minn issa ngunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta’ rikorrenti;

Rat in-nota tas-socjeta’ intimata tal-11 ta’ Jannar 2011 li biha ammettiet it-talba kif dedotta fir-rikors ġuramentat;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta’ intimata, it-talba dedotta fir-rikors ġuramentat tirriżulta pruvata;

Fuq ammissjoni tas-socjeta’ intimata, tiddeċiedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ rikorrenti kif dedotta fir-rikors ġuramentat bl-imghax kif mitlub u bl-ispejjeż kontra s-socjeta’ intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------